*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,626, 29 ta' Ġunju, 1979*
*Taqsima C*

# Nru. 107

29. 6. 79

## MALTA

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**HOUSE OF REPRESENTATIVES**

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Agatha Barbara, M.P., Ministru tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-25 ta' Ġunju, 1979.

A BILL introduced by the Honourable Agatha Barbara, M.P., Minister of Labour, Culture and Welfare, and read the First time at the Sitting of the 25th June, 1979.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq.**

**AN ACT further to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957.**

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1979 li jemenda l-Att dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq (Emenda Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "l-Ġimgħa l-Kbira" għandhom jiżdiedu l-kliem " u fil-każ ta' ħwienet tal-merċa fil-Ħdud u btajjel pubbliċi oħra"; u

(ii) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

3. Fl-ewwel proviso għall-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "jew fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3)" għandhom jitħassru.

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jemenda l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, sabiex jipprojbixxi lill-ħwienet kollha tal-merċa milli jiftħu nhar ta' Ħadd u btajjel pubbliċi oħra.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Shops and Hawkers (Business Hours) (Amendment) (No. 2) Act, 1979, and shall be read and construed as one with the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 7 of the principal Act.

**2.** Section 7 of the principal Act shall be amended as follows:

(i) in subsection (1) thereof immediately after the words "Good Fridays" there shall be added the words "and in the case of grocery shops on Sundays and other public holidays"; and

(ii) subsection (3) thereof shall be repealed.

Amendment of section 9 of the principal Act.

**3.** In the first proviso to section 9 of the principal Act, the words "or in paragraph (a) of subsection (3)" shall be deleted.

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957, so as to prohibit the opening of all grocery shops on Sundays and other public holidays.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*

Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*

Prezz 1c — *Price 1c*